MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 972/2013

**Paul Falzon bhala mandatarju specjali**
**ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti**
**Miranda Fabian Gerard, u**
**Arnold Ponce Payas, Danilo Malayan Veltran,**
**Archie Barlizo Adorable, Anantha Paleswara Behera,**
**Emmanuel Bajado Regalado, John Ventura Binas,**
**Antonio Jr. G. Esporlas, Ernesto Jr. A Daludado,**
**Conrado M. De Los Reves, Antonio Roldan Dacua,**
**Kernel Parada Pascual, Nire Valmera,**
**Ronaldo Camara Aloc, Roman M. Cristobal,**
**Franco Ranin Gudez, Illuminado S. Deiparine,**
**Octavio Arjona Atok, Roel Panesa, Mark John P. Bayot,**
**Jonathan M. Francisco, u Gil Almonte Sales**

**vs**

**Il-bastiment B LADYBUG**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tad-9 ta’ Ottubru 2013 li jghid hekk:
1. Illi r-rikorrenti rrendew servizz bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq il-bastiment intimat u ghadhom hekk qed irendu servizz u jaqdu d-dmirijiet taghhom abbord il-bastiment intimat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

2. Illi l-bastiment intimat, li huwa proprjeta tas-socjeta estera B Ladybug Coporation, igib in-numru ufficjali tal-IMO 9445394, ghandu tunnellagg gross ta' 72,408 tunellata u jtajjar il-bandiera tal-Panama;

3. Illi r-rikorrenti ghandhom jircievu minghand il-bastiment intimat ammonti konsiderevoli f'pagi u salarji dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess bastiment u di piu spejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-imsemmija membri tal-ewkipagg hekk kif ser jirrizulta mill-provi mressqa fil-kawza odjerna;

4. Illi r-rikorrenti interpellaw diversi drabi lill-bastiment intimat u lis-sidien tieghu sabiex ihallsu l-ammonti dovuti lill-istess rikorrenti izda dawn min-naha taghhom baqghu inadempjenti;

5. Illi r-rikorrenti ghalhekk talbu u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar bin-numru 1476/2013 fl-ismijiet "Paul Falzon nomine vs Il-bastiment B LADYBUG (IMO 9445394)", bil-ghan li jassiguraw li l-bastiment intimat jibqa' f’Malta u hekk ikunu jistghu jipprocedu b'din l-istanza in rem kontra l-istess bastiment intimat (kopja tal-imsemmi mandat hawn annessa u mmarkata Dok. P1);

6. Illi l-mandat ta' arrest kawtelatorju surreferit ghadu in vigore u ghaldaqstant il-bastiment intimat jinsab fl-ibhra territorjali ta' Malta u taht il-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi r-rikorrenti jafu illi l-bastiment intimat u s-sidien tieghu ma ghandhom l-ebda eccezzjoni valida

x'jissollevaw u dawn tal-ahhar huma a konjizzjoni tal-fatti suesposti;

Ghaldaqstant, ighid il-bastiment intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tkun necessarja:

1. Tiddikjara li l-bastiment intimat huwa debitur tar-rikorrenti ghall-pagi u salarji dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess bastiment kif ukoll ghal spejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-istess rikorrenti;

2. Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti inkluz kull arretrati ta' pagi u salarji dovuti lilhom bhala kaptan, ufficjali u membri tal-ekwipagg fuq l-istess bastiment bl-interessi legali mid-data minn meta l-pagi u salarji kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv;

3. Tillikwida l-ammonti dovuti lir-rikorrenti ghal spejjez relatati mar-ripatrijazzjoni tal-istess rikorrenti;

4. Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lir-rikorrenti rispettivament l-ammonti hekk likwidati fit-talbiet precedenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar numru 1476/2013, kontra l-bastiment intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-ligi inkluz dik ghal danni, u ammonti ohra dovuti lir-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti kollha tal-atturi;

Rat illi dan ir-rikors gie notifikat lil bastiment intimat li ma pprezenta ebda risposta;

Semghet ix-xhieda ta' Paul Falzon fejn ikkonferma bil-gurament li l-kreditu kif elenkat fid-dokumenti Dok. PF1 sa PF3 ghadu kollu dovut.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Il-Qorti rat il-prospett ta’ salarji dovuti lil atturi Dok. PF1 ammontanti ghal USD450,695.43 minn Dicembru 2012 sat-28 ta’ Ottubru 2013 kif ukoll stima ghal vjagg ta’ ritorn ghall-istess atturi Dok. PF2 fl-ammont ta’ €14,960, liema ammonti mhux kontestati u din il-Qorti ma ghandhiex dubju ragonevoli li mhux dovuti jew gustifikati. L-atturi jitlobu wkoll il-hlas ta’ €600 spejjez inkorsi ta’ trasport biex isiru n-notifiki lil vapur, liema notifiki kellhom isiru permezz ta’ lanca. Dawn huma spejjez gustifikati li minghajrhom l-atturi ma kienx ikun possibli ghalihom li jipprosegwu bit-talbiet taghhom u ghandhom jigu mizjuda mal-ispejjez relatati mal-arrest tal-bastiment li jammontaw ghal €283.40

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ USD372,739.90 ekwivalenti ghal €279,507.14 ghal salarji dovuti lilhom u s-somma ta’ €14,960 ghal spejjez biex l-atturi jigu rimpatrijati, u s-somma ta’ €883.40 ghal spejjez relatati mal-arrest tal-bastiment u notifiki ta’ natura eccezzjonali b’kollox €295,350.54.

Bl-ispejjez kontra l-bastiment konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------